**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Novembru , 2016

Rikors Nru : 372/16 AL

**AB**
**Vs**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi huwa zzewweg lill-intimata fit-tmintax (18) ta' Marzu elfejn u sitta (2006), liema zwieg gie debitament registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, (Kopja tac-Certifikat annessa bhala Dokument A);
Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt tas-Separazzjoni konsenswali datat sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru

elfejn u ghaxra (2010), in atti tan-Nutar Dott. Patricia Vella Haber, liema kuntratt qieghed jigi anness u mmarkat bhala Dokument B;

Illi l-partijiet minn dan iz-zwieg kellhom tifla, attwalment minuri, Angie, u ma tezisti l-ebda problema dwar pendenzi ta' manteniment beniethom.

Illi r-rikorrenti jaf li ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.

Illi ghaddew oltre erba' snin mid-data tas-separazzjoni bejn il-partijiet u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.

Illi jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghal hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Talab lil din il-Qorti sabiex :

Tiddikjara li z-zwieg tieghu ma' CB hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-ligi u biex tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha tissottometti:

Illi filwaqt li l-esponenti tikkonferma l-premessi kollha tar-rikors promotur, hija tiddikjara li m'ghandiex oggezzjoni ghall-pronunzja tad-divorzju bejn il-kontendenti;

**Illi l-esponenti pero' titlob li flimkien mal-pronunzja tad-divorzju hija tigi awtorizzata tirriverti ghal kunjom xbubitha "Spiteri";**

Tant l-esponent ghandha l-unur tissottometti ghas-savju u superjuri gudizzju ta' din il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tasl-16 ta' Awwissu, 2016;

Rat ir-risposta tal-intimata illi giet ikkonfermata minnha bil-gurament waqt is-seduta ;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat illi l-intimata qeghda titlob sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` Spiteri u l-Qorti tilqa` t-talba u tordna n-notifika ta' dan id-digriet lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ghall-azzjoni mehtiega;

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom aktar mis-26 ta' Novembru 2010 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.